



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' April 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0111(COD)

8499/23
ADD 2

EF 109
ECOFIN 359
CODEC 656

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 226 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja il- Proposti għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 226 final.

Mehmuż: SWD(2023) 226 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 18.4.2023
SWD(2023) 226 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja il-

Proposti għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri,
kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri,
kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti,
tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u
tat-trasparenza

{COM(2023) 226 final} - {SEC(2023) 230 final} - {SWD(2023) 225 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-rieżami tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI) (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD), ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR), id-Direttiva dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD))
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inh i-problema li qed tiġi indirizzata?
Il-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti (CMDI) tfassal biex jevita u jimmaniġġja l-falliment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' kwalunkwe daqs jew mudell ta' negozju. L-oġettivi tagħha huma li żżomm l-istabbiltà finanzjarja, tiproteġi lid-depożitanti, timminimizza l-użu tal-appoġġ pubbliku, tillimita l-periklu morali u tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, filwaqt li tevita l-qerda tal-valur. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-qafas tas-CMDI qed jiffunzjona b'mod effettiv għal xi oġettivi (il-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja), iżda bi prestazzjoni baxxa għal oġettivi oħra (il-protezzjoni tal-flus u d-depożitanti tal-kontribwenti, u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku). Għalhekk, huwa meħtieġ titjib, b'mod partikolari fil-kwistjonijiet li ġejjin: - Għad ma hemm biżżejjed ċertezza legali u prevedibbiltà fil-ġestjoni tal-fallimenti tal-banek. Pereżempju, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet pubbliċi dwar jekk għandhomx jirrikorru għal għodod ta' riżoluzzjoni jew insolvenza tista' tvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE. - L-xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija għadhom ineffettivi u l-kundizzjonijiet ta' aċċess diverġenti għall-finanzjament fir-riżoluzzjoni u barra r-riżoluzzjoni jippersistu, u dan għandu impatt fuq l-inċentivi u joħloq opportunitajiet ta' arbitraġġ meta tittieħed deċiżjoni dwar l-għodda għall-ġestjoni tal-kriżijiet li għandha tintuża sabiex jiġu protetti aħjar id-depożiti. - Il-protezzjoni tad-depożitanti għadha irregolari u inkonsistenti madwar l-Istati Membri tal-UE u l-finanzjament tal-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) jista' ma jkunx robust biżżejjed, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS).
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
Fil-kunsiderazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet, ir-rieżami tas-CMDI għandu l-għan li jilħaq aħjar l-oġettivi fundamentali kollha tal-qafas billi: - tiġi ppriżervata l-istabbiltà finanzjarja u l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tal-banek għas-soċjetà; - jiġu protetti d-depożitanti u tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumatur; - jitħares il-funzjonament tas-suq uniku u jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE; - jiġi minimizzat ir-rikors għal flus il-kontribwenti u tiġi żgurata d-dixxiplina tas-suq.
X'inh u l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?
Ir-rieżami se jemenda l-leġiżlazzjoni tal-UE (il-BRRD, il-SRMR u d-DGSD). L-emendi proposti huma ġġustifikati fil-livell tal-UE minħabba r-rabtiet qawwija bejn is-setturi finanzjarji nazzjonali u r-riskju ta' kontagġu u effetti konsegwenzjali; in-natura transfruntiera tan-negozju ta' ħafna istituzzjonijiet finanzjarji; u l-impatt sistemiku li l-falliment ta' kwalunkwe bank jista' jkollu fuq l-istabbiltà finanzjarja (anke banek żgħir u ta' daqs medju). Azzjoni tal-UE biss tista' tipprovdi lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali u Ewropej bl-għodod u s-setgħat xierqa biex jimmaniġġjaw banek li qed ifallu ta' kull daqs u mudelli ta' negozju b'mod ordnat. L-azzjoni tal-UE tista' tittieħed permezz tal-qafas ta' riżoluzzjoni armonizzata meta l-proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza ma jtgħisux xierqa biex jiproteġu lid-depożitanti, il-flus tal-kontribwenti u l-istabbiltà finanzjarja. L-azzjoni tal-UE tista' tiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwi, suq uniku mtejjeb għas-servizzi bankarji u trattament ugwali għad-depożitanti u l-banek kollha madwar l-UE. Fl-istess ħin, l-azzjoni tal-UE ma timponix ċerta strateġija li għandha tintgħażel għal banek li qed ifallu, iżda pjuttost tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej b'qafas konsistenti biex jieħdu d-deċiżjonijiet xierqa u proporzonati fuq bażi ta' każ b'każ.
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Minħabba r-rabtiet b'saħħithom bejn is-sett ta' għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-finanzjament tiegħu, il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat pakketti ta' għażliet ta' politika. Dawn il-pakketti ta' għażliet ta' politika jiġbru flimkien il-karatteristiċi rilevanti tad-disinn tal-qafas tas-CMDI biex jiġi żgurat approċċ komprensiv u konsistenti.

Xi bidliet proposti dwar miżuri ta' intervent bikri, l-iskattaturi biex jiġi ddeterminat bank li qed ifalli jew li x'aktarx ifalli, u l-armonizzazzjoni ta' ċerti karatteristiċi tad-DGSD, huma karatteristiċi komuni fil-pakketti ta' għażliet li ġew ikkunsidrati.

Il-pakketti differenti ta' għażliet ta' politika huma prinċipalment iffukati fuq l-analiżi tal-possibbiltajiet biex jitwessa' b'mod kredibbli u effettiv il-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni, fil-funzjoni tal-livell ta' ambizzjoni biex il-finanzjament fir-riżoluzzjoni jsir aktar aċċessibbli. B'mod partikolari, l-għażliet ta' politika jikkunsidraw li jħaffu l-użu tal-fondi tal-SGD fir-riżoluzzjoni, inkluż biex iservu bħala "pont" taħt is-salvagwardja tat-test tal-inqas spejjeż, biex itejbu l-proporzjonalità fl-aċċess għall-fondi nazzjonali ta' riżoluzzjoni/Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (RF/SRF) għall-banek, b'mod partikolari banek iżgħar u ta' daqs medju li qed ikunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment bi ħruġ mis-suq. Huma jesploraw ukoll il-possibbiltà li l-fondi tal-SGD jintużaw b'mod aktar effettiv u effiċjenti skont test armonizzat tal-inqas spejjeż għal miżuri għajr l-iżborż ta' depożiti koperti f'insolvenza. Dan l-approċċ ifittex li jtejjeb il-kompatibbiltà tal-inċentivi għall-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni meta jagħżlu l-aktar għodda xierqa għall-ġestjoni ta' kriżi. Il-ftuħ tal-fondi tal-SGD għal miżuri għajr l-iżborż ta' depożiti koperti jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-SGD fil-ġerarkija tal-pretensjonijiet. Għalhekk, l-għażliet ta' politika jesploraw ukoll xenarji differenti għall-armonizzazzjoni tal-preferenza tad-depożitanti fil-ġerarkija tal-pretensjonijiet.

L-għażliet ta' politika jwasslu għal eżiti li jvarjaw minn finanzjament ta' riżoluzzjoni kemxejn imtejjeb, u kamp ta' applikazzjoni ta' riżoluzzjoni proporzjonat (Għażla 2) għal titjib aktar ambizzjuż fl-ekwazzjoni ta' finanzjament, li jiftaħ il-possibbiltà għal twessigħ aktar sostanzjali tal-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni biex jinkludi aktar banek iżgħar u ta' daqs medju (Għażla 3) meta mqabbel mal-Għażliet 1 (linja bażi) u 2. L-għażla 4 tikkonsisti f'rifirma ambizzjuża tal-qafas tas-CMDI, inkluża l-EDIS (mudell intermedju u ibridu tal-EDIS, differenti mill-proposta tal-Kummissjoni tal-2015). Filwaqt li l-Grupp tal-Euro għad irid jilħaq kunsens dwar it-triq' il quddiem fir-rigward tal-EDIS, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE u l-Parlament Ewropew jirrikonoxxu l-ħidma mwettqa fil-livell tekniku u l-importanza li tiġi stabbilita EDIS għar-robustezza tal-qafas u t-tlestija tal-Unjoni Bankarja. Għalhekk hija inkluża f'din l-għażla għall-kompletezza teknika u l-konsistenza tat-tfassil tal-politika, għalkemm ġiet ivalutata bħala politikament mhux fattibbli f'dan l-istadju.

It-titjib ambizzjuż iżda realistiku għall-qafas tas-CMDI skont l-Għażla 3, b'mod partikolari, l-ekwazzjoni ta' finanzjament tiegħu flimkien ma' kamp ta' applikazzjoni ta' riżoluzzjoni proporzjonat u inċentivi allinjati biex tittieħed deċiżjoni dwar l-aħjar għodda għall-kriżijiet għal banek iżgħar u ta' daqs medju, jagħmlu din l-għażla ppreferuta (fin-nuqqas ta' ftehim politiku dwar l-EDIS).

Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE jappoġġaw il-prinċipju tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni għal ċerti banek iżgħar u ta' daqs medju meta r-riżoluzzjoni tilħaq bl-aħjar mod l-oġġettivi tal-qafas, billi tiċċara l-valutazzjoni tal-interess pubbliku, dment li jiġi żgurat aċċess kredibbli għall-finanzjament fir-riżoluzzjoni għal dawn it-tipi ta' banek. Huma jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' aktar proporzjonalità fir-regoli għall-aċċess għall-finanzjament bl-għajjnuna tal-SGD skont test armonizzat tal-inqas spejjeż u l-preservazzjoni tal-kundizzjoni minima ta' aċċess għar-rikapitalizzazzjoni interna għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni.

B'mod ġenerali, id-depożitanti u l-konsumaturi jappoġġaw qafas li jqiegħed aktar banek fir-riżoluzzjoni u li jibbenefikaw minn xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija, li jnaqqas ir-riskju li t-telf jiġi impost fuq id-depożiti, filwaqt li jtaffi r-rikors għall-flus tal-kontribwenti.

Il-banek, b'mod ġenerali, jaraw mertu fil-kjarifika tal-qafas tas-CMDI; madankollu huma esprimew ukoll tħassib. Minn naħa waħda, xi banek iżgħar huma mħassba dwar il-kostijiet potenzjali li ambitu ta' riżoluzzjoni estiż, flimkien ma' rekwiżiti possibbli (proporzjonati) tal-MREL u użu usa' ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija jistgħu jinvolvu. Min-naħa l-oħra, banek akbar jappoġġaw applikazzjoni usa' tar-riżoluzzjoni u jissottolinjaw il-ħtieġa li jinbnew bafers tal-MREL. Madankollu, dawn jikkritikaw il-prospett li jintużaw ix-xbieki ta' sikurezza, speċjalment biex jiġu riżolti banek iżgħar u ta' daqs medju.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE huma favur l-EDIS u jiddispijaċihom dwar l-oportunità mitlufa biex jiġu sfruttati s-sinerġiji mal-qafas tas-CMDI f'dan ir-rieżami. B'mod ġenerali, l-industrija tiffavorixxi wkoll EDIS, b'mod partikolari għall-kosteffiċjenzi potenzjali li jistgħu jwasslu għal kontribuzzjonijiet aktar baxxi għax-xbieki ta' sikurezza.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Kull wieħed mit-tliet pakketti ta' għażliet ta' politika għandu l-għan li joħloq qafas ibbażat fuq l-inċentivi billi jinkoraġġixxi l-applikazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni b'mod aktar konsistenti, iżid iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, joħloq kundizzjonijiet ekwi, jiffaċilita l-aċċess għal xbieki komuni ta' sikurezza, filwaqt li jżomm xi alternattivi barra r-riżoluzzjoni skont il-proċeduri nazzjonali ta' insolvenza. Madankollu, mid-disinn, il-pakketti ta' għażliet jilħqu dawn l-oġettivi b'mod differenti u l-fattibbiltà politika tagħhom tvarja.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-elementi differenti tat-tliet għażliet ta' politika jirriżultaw f'livelli differenti ta' spejjeż u distribuzzjoni tal-ispejjeż. Il-banek allokatu għar-riżoluzzjoni jkompli jikkonformaw mar-rekwiżit li jiżguraw livelli adegwati ta' kapaċità interna ta' assorbiment tat-telf u jsiru aktar riżolvibbli. Jekk l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni tissarraf fi spejjeż ogħla għall-banek li jkun fi tranżizzjoni milli jiġu kkunsidrati għal-likwidazzjoni għal dawk allokatu għar-riżoluzzjoni hija valutazzjoni każ b'każ. Fattur mitiganti għall-pubbliku u għas-soċjetà kollha kemm hi jkun il-preservazzjoni tal-valur tal-assi (minħabba l-faċilitazzjoni ta' strateġiji ta' trasferiment bi f'ruġ ordnat mis-suq), rikors imnaqqas għall-flus tal-kontribwenti u l-evitar tar-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożitanti permezz ta' użu aktar estensiv tal-SGD taħt is-salvagwardja tal-inqas test tal-kost. Madankollu, l-użu tal-fondi tal-SGD u l-RF/SRF jista' jwassal ukoll għal ħtigiġiet ta' riforniment permezz ta' kontribuzzjonijiet ex post mill-industrija, li, fin-nuqqas tal-EDIS, ma jiġux ikkumpensati minn kwalunkwe skont fil-kontribuzzjonijiet tal-banek għax-xbieki ta' sikurezza. Għall-konsumaturi u d-depożitanti (inklużi l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs)) l-ispejjeż għandhom ikunu limitati u megħluba b'mod ċar mill-benefiċċji. B'mod partikolari, permezz ta' aktar protezzjoni tad-depożitanti, stabbiltà finanzjarja, preservazzjoni aħjar tal-valur permezz tas-salvagwardja tal-funzjonijiet bankarji kritiċi u tnaqqis fl-użu tal-flus tal-kontribwenti.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
Minħabba r-rwol ċentrali tal-banek fil-forniment ta' finanzjament u servizzi finanzjarji lill-konsumaturi u lill-SMEs, l-istabbiltà mtejbja tas-settur bankarju permezz tar-riforma tas-CMDI għandha tkun ta' benefiċċju għal dawn il-gruppi, kemm fir-rigward tal-aċċess tagħhom għall-finanzjament kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom bħala depożitanti.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Oġettiv tar-riforma tas-CMDI huwa li jkompli jitnaqqas ir-rikors għall-flus tal-kontribwenti meta jiġi ttrattat il-falliment tal-banek. Minn naħa waħda, il-piż amministrattiv jista' jżied xi ftit għall-amministrazzjonijiet (l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, jiġifieri t-tnejn ta' aktar pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-f'ruġ ta' aktar deċiżjonijiet amministrattivi). Min-naħa l-oħra, l-amministrazzjonijiet jibbenefikaw minn aktar ċertezza legali u prevedibbiltà tar-riżultati meta jwettqu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew fl-applikazzjoni tal-għodod xierqa għall-ġestjoni tal-kriżijiet barra r-riżoluzzjoni.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?
Le.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-leġiżlazzjoni se tgħaddi minn evalwazzjoni sħiħa f'ames snin wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni tagħha biex tivvaluta kemm kienet effettiva u effiċjenti f'termini tal-kisba tal-oġettivi ppreżentati f'dan ir-rapport, u biex tiddeċiedi jekk humiex meħtieġa miżuri jew emendi ġodda.